# IL-KELMA "MULEJ"

Fil-Malti ta' Ġunju li għadda, faċċ. 53, il-kelma *Mulej* hi mnissla mill-għerq *m-w-l*, li minnu ġejjin ukoll *miel*, *mwiel*, *mula*. Nistqarr is-sewwa li ħawwadt ħaġa ma' oħra. *Mulej* ġej minn *mula*, iżda ma għandux x'jaqsam ma' *miel* u *mwiel* u l-anqas mal-għerq *m-w-l*. Niżżiħajr lill-għaref u lill-ħabib tagħna u tal-Malti C. L. Dessoulavy talli nebbaħni, u sa nġib hawn dak li kitibli m'ilux.

**Sajdun.**

Il-kelma *miel* tinsab fil-Għarbi biss, u minnu daħlet fl-Arami. Hi magħmula minn żewġ kelmiet : *ma* li tfisser *li*, bħalma ngħidu *kull ma*, u l-preposizzjoni *l*. Marbutin flimkien isiru *mâl*, li ma tfisser xejn. Iżda jekk neħimżu s-suffissi tal-pronom, issir *mâli*, *mâlek*, *mâlu* u tfisser *dak li hu tiegħi*, *tiegħek*, *tiegħu*, jiġifieri, *ġidi*, *ġidek*, *ġidu*. U hekk il-kelma *mâl*, li fil-Malti ssir *miel*, bdiet tfisser, bħalma tfisser fil-Malti, *ġid*, *dak li wieħed għandu*.

*Mulej* hi l-kelma Għarbija *mawla*, li sikwit tiltaqa' magħha fil-Quran bħala isem mogħti lil Alla; ara Sura 47,12; bosta drabi jieħu s-suffiss tal-pronom, hekk : *anta mawlânâ* (*=inti Mulejna*), Sura 2,287. Imma qatt ma tieħu s-suffiss tal-pronom *jien*, bħalma tieħu fil-Malti u fil-Għarbi tal-Afrika. Biberstein-Kazimirski (Dict. Arabe-Français, 2 vols., 4°., Paris, 1860) igħid li l-kelma *Mulej* kienet mexxejja ħafna fl-artijiet tal-punent, u Nöldeke jgħid li hi t-titlu tas-slaten tal-Marokk, hekk: Mulaj Ħassan, Mulaj Ħafid, Mulaj Jusef. Żmien qabel, fis-sêklu 16, aktarx li kienet daħlet Tunes ukoll, hekk għandna l-ismijiet Mulaj Moħammad u Mulaj Ħâmid fi żmien is-sultan Karlu ħamsa. Mhix ħaġa kbira li isem mogħti lil Alla jingħata wkoll f'art oħra lil sultan tal-art, hekk fl-Etjopi l-kelma *amlâk* hi isem ta' Alla, iżda fl-ilsna l-oħra semin tfisser sultan tad-dinja. F'ilsna oħra, fit-Turkija, fil-Persja u fl-Indja l-kelma *mulej* tieħu l-għamla *molla*, *mollah*, *mullah* u tfisser *imgħallem*, *imgħallem tat-tëologija*. Kazimirski jgħidilna li f'Bagdad l-isem *molla* hu mogħti lil irsiera li jilħqu xi post għoli. Nöldeke (*Neue Beiträge*, *Wörter mit Gegensinn*) igħarrafna li l-kelma *mawla* għandha żewġ tifsiriet kontra xulxin; xi drabi tfisser *wieħed li jgħin* (*protector*), bħalma hu fil-Quran, u xi drabi tfisser *wieħed megħjun* (*one protected*), jiġifieri wieħed milqugħ f'xi qabil Għarbi. Għamliet oħra ta' din il-



kelma huma *Mawlawi*, isem mogħti lid-driewex, u *Maulvi* titlu Indjan. Fis-sena 1917 ħareġ l-Ingilterra l-ktieb tal-Quran imfisser bl-Ingliż minn wieħed Indjan jismu Maulvi Moħammad Ali (*The Holy Quran with Arabic text and an English Translation and Commentary*, Woking, 1917).

Il-kelma *Mulej* ġejja mill-għerq *w-l-(j)*. Il-verb *wala(j)* fil-Għarbi jfisser: *kien qrib*, *kien ħabib*. Minnu ġejja l-kelma *weli*, li tfisser *qaddis* (*=ħabib ta' Alla*) *tal-Misilmin*. Fit-tieni għamla l-verb *wala* jsir *walla* (fil-Malti *wella*) u jfisser *reħa f'idejn ħaddieħor*, *telaq*, *miet*. Fil-Quran, Sura 27, 10 naqraw li Mosê *wella* (jiġifieri *telaq*, *warrab*) malli ra l-ħatar mibdul f'serp. Fit-tielet għamla l-verb *wâla* jatina *Wâli*(*=gvernatur*), li fit-Tork issir *Vali* u tfisser: wieħed li jaħkem fuq qasma art li jgħidulha *Vilajet*. U dal-kliem kollu ġej mill-verb għarbi *walaj*.

**Rev. C. L. Dessoulavy.**

## IŻ-ŻRINĠ U L-BARRI

Żrinġ daqs bajda lemaħ jirgħa
Għoġol smejjen f'nofs il-bur,
Qal lil oħtu... "nikber daqsu,
Jekk nintefaħ, nilħqu żgur".

Ħa nifs qawwi, żaqqu bbieset...
"Wasalt"? "Għadek". "Ingħaddih"...
Raġa' tqanżaħ... Bum... l-imsejken
Faqqa u svojta minnufih.

Bosta nies iridu jgħaddu
Ta' kbarat u ta' għarfin,
Ħfief minn rashom, ħfief minn mielhom,
Jisfaw fqar u minfuħin.

Kollox għandu jsir bil-qies,
Xewqat biss ma jagħmlux nies!

**T. Z.**